



PARLOMETRU 2019

# **NAGĦTU WIDEN LIS-SEJĦA LIL HINN MILL-VOT**

PARLAMENT AKTAR B'SAĦĦTU LI JISMA' L-VUĊIJET TAĠ-ĊITTADINI

## **SOMMARJU EŻEKUTTIV**

Stħarriġ tal-Ewrobarometru 92.2 tal-Parlament Ewropew  
Studju ta' Monitoraġġ tal-Opinjoni Pubblika



PARLOMETRU 2019

# **NAGĦTU WIDEN LIS-SEJĦA LIL HINN MILL-VOT**

**PARLAMENT AKTAR B'SAĦĦTU LI JISMA' L-VUĊIJET  
TAĊ-ĊITTADINI**

SOMMARJU EŻEKUTTIV

**Stħarriġ tal-Ewrobarometru 92.2 tal-Parlament Ewropew  
Studju ta' Monitoraġġ tal-Opinjoni Pubblika**

## IMPRESSUM

### AWTURI

Philipp SCHULMEISTER, Kap tal-Unità (Editor)

Matthias BÜTTNER, Alice CHIESA, Said HALLAOUY, Luisa MAGGIO, Dimitra TSOULOU MALAKOUDI

### APPOĠĠ GRAFIKU

Héctor BADENES RODRIGUEZ, Katarzyna ONISZK

Il-manuskritt tlesta f'Novembru 2019

Brussell, © Unjoni Ewropea, 2019

Ritratt tal-faċċata: Emma Espejo/Getty Images

### DWAR IL-PUBBLIKATUR

Dan id-dokument tfassal mill-Unità tal-Monitoraġġ tal-Opinjoni Pubblika fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni (DG COMM) tal-Parlament Ewropew. Biex tikkuntattja lill-Unità tal-Monitoraġġ tal-Opinjoni Pubblika jekk jogħġbok ikteb lil: [dgcomm-pom@europarl.europa.eu](mailto:dgcomm-pom@europarl.europa.eu)

### VERŻJONI LINGWISTIKA

Oriġinali: EN

### KLAWŻOLA TA' ESKLUŻJONI MIR-RESPONSABBILTÀ

Dan id-dokument huwa m'ħejji għall-Membri u l-persunal tal-Parlament Ewropew, u huwa indirizzat primarjament lilhom, sabiex jassistihom fil-ħidma parlamentari tagħhom. Il-kontenut ta' dan id-dokument huwa r-responsabbiltà esklużiva tal-awtur(i) u kwalunkwe opinjoni espressa fih jenħtieġ li ma titqiesx li tirrifletti pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament.

## PARLOMETRU 2019: GĦAXAR PUNTI EWLENIN



## Appoġġ kbir għas-sħubija fl-UE

Wara żieda pożittiva fuq seba' snin, l-appoġġ taċ-ċittadini għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea laħaq livell għoli: Kważi sitta minn kull għaxar Ewropej huma favur is-sħubija ta' pajjiżhom fl-UE.



## Iċ-ċittadini huma sodisfatti bil-mod kif taħdem id-demokrazija fl-UE

L-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 ikkontribwew b'mod pożittiv għaż-żieda fil-livell ta' sodisfazzjon bil-mod kif taħdem id-demokrazija fl-Unjoni Ewropea: 52% (+ 3 pp) tal-Ewropej jaqsmu din il-fehma.



## L-Ewropej jappellaw għal Parlament aktar b'saħħtu

Iċ-ċittadini Ewropej iridu li l-Parlament Ewropew ikollu rwol aktar b'saħħtu fil-futur. Ftit xhur wara l-elezzjonijiet Ewropej, 58% ta' dawk li wiegħbu jridu li l-Parlament ikun aktar influwenti. Din hija żieda ta' 7 punti mir-rebbiegħa tal-2019 u ta' 14-il punt minn Settembru 2015 — l-indikatur jilħaq l-ogħla livell tiegħu mill-2007.




## L-immagħni tal-Parlament Ewropew qed tinbidel

L-immagħni tal-Parlament Ewropew fi mħuħ iċ-ċittadini għadha fil-biċċa l-kbira newtrali (46%, + 3 pp), iżda ħarsa aktar mill-qrib lejn id-data turi distakk dejjem jikber bejn l-Ewropej b'immagħni pożittiva tal-Parlament Ewropew (33%, + 1pp) u dawk li għandhom opinjoni negattiva (19%, -2 pp).



## "Il-vuċi tiegħi tgħodd fl-UE" lura għal-livelli ta' qabel l-elezzjoni

Kif kien mistenni, l-għadd ta' ċittadini li jħossu li l-vuċi tagħhom tgħodd fl-UE reġa' lura għal-livelli ta' qabel l-elezzjoni. Filwaqt li l-perċezzjoni "il-vuċi tiegħi tgħodd" fil-fatt għandha x'taqsam sew mal-momentum tal-elezzjonijiet. Tissottolinja wkoll l-istennija kostanti taċ-ċittadini Ewropej li l-vuċi tagħhom tinstema'.



### It-tibdil fil-klima, il-faqar, it-terroriżmu u l-qgħad bħala prijoritajiet ewlenin

Il-maġġoranza tal-Ewropej titlob azzjoni Ewropea konkreta fl-oqsma tat-tibdil fil-klima, il-ġlieda kontra l-faqar, it-terroriżmu u l-qgħad. F'dak li jirrigwarda d-difiża tal-valuri Ewropej, maġġoranza ċara temmen li d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha, il-libertà tal-kelma u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandhom jinżammu bħala l-valuri fundamentali tal-Unjoni.



### It-tibdil fil-klima: kwistjoni ambjentali ewlenija għaċ-ċittadini Ewropej

Quddiem firxa ta' kwistjonijiet ambjentali, maġġoranza assoluta fil-medja tal-UE tqis li t-tibdil fil-klima hija l-aktar kwistjoni ambjentali importanti tal-lum, segwita mit-tniġġis tal-arja, id-deforestazzjoni u l-ammont dejjem jikber ta' skart.



### Azzjoni klimatika mmexxija miż-żgħażaġh taħdem

Kważi sitta minn kull għaxar Ewropej jemmnu li l-protesti mmexxjin miż-żgħażaġh għall-azzjoni klimatika kellhom impatt dirett fil-politika, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-politika domestika.



### Aktar informazzjoni? Iva, jekk jogħġbok!

Tliet kwarti taċ-ċittadini Ewropej (77%) jixtiequ jirċievu aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet Ewropej. Interessi ewlenin: Il-konsegwenzi konkreti tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, kif ukoll aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-Parlament Ewropew u tal-Membri tiegħu.




### Lesti li jimpenjaw ruħhom

Tlieta minn kull għaxra minn dawk li wiegħbu jkunu mħeġġa biex jimpenjaw ruħhom aktar fl-attivitajiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew ta' pajjiżhom jekk jirċievu aktar informazzjoni dwar ir-rwoli u l-attivitajiet tagħhom, jew jekk jarawhom aktar spiss fil-midja.

## JISSOKTA L-APPOĠĠ KBIR GĦALL-UE

**W**ara żieda kważi kontinwa bejn l-2011 u l-2018, l-appoġġ taċ-ċittadini għas-sħubija fl-Unjoni Ewropea laħaq livell għoli stabbli. Kważi sitta minn kull għaxar Ewropej (59%, =) huma fa-vur is-sħubija ta' pajjiżhom fl-UE, hekk li dan l-indikatur ewlieni tal-Ewrobarometru jibqgħa' pożittiv diġà għat-tielet sena konsekuttiva<sup>1</sup>.

**Q** B'mod ġenerali, taħseb li s-sħubija ta' (pajjiżnafl-Unjoni Ewropea hija ...?) (% - UE)



Sors: Parlometru 2019 (92.2), QB12

Il-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu fil-25 Stat Membru jaħsbu li s-sħubija ta' pajjiżhom hija "ħaġa tajba". Il-livell ta' appoġġ fost dawn il-pajjiżi jvarja bejn 81% fl-Irlanda kif ukoll fil-Lussemburgu, u 42% fir-Renju Unit. Fit-tliet Stati Membri li fadal: L-Italja, iċ-Ċekja u s-Slovakkja, il-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu jqisu li s-sħubija fl-UE la hi tajba u lanqas ħażina għal pajjiżhom.

Meta mqabbla ma' Ġunju 2019, żieda ċara fl-appoġġ għas-sħubija fl-UE hija viżibbli fi Franza, fejn is-sehem ta' fehmiet pożittivi żdied b'6 punti perċentwali għal 58%. Fil-Greċja, l-appoġġ żdied b'5 punti għal 47% u fil-Latvja, b'4 punti għal 59%. Min-naħa l-oħra, l-appoġġ għall-UE naqas fil-Litwanja (-8 pp), ir-Renju Unit (-7 pp), il-Polonja u Ċipru (it-tnejn -5 pp).

Fil-kuntest tal-Brexit, ir-Renju Unit huwa l-uniku pajjiż li juri żieda enormi f'opinjonijiet mhux deċiżi dwar is-sħubija fl-UE: 31% ta' dawk il-Brittaniċi li wiegħbu (żieda ta' 11-il punt meta mqabbla ma' Ġunju 2019) iqisu li s-sħubija fl-UE la hi tajba u lanqas ħażina għar-Renju Unit.

<sup>1</sup> B'livell li jvarja bejn is-57% u t-62% minn Marzu 2017 l hawn

Iż-żgħażaġh jibqgħu l-akbar sostenituri ġenerali tal-Unjoni Ewropea meta mqabbla ma' gruppi ta' età oħra. 64% ta' dawk li għandhom bejn 15 u 24 sena jemmnu li s-sħubija fl-UE hija "ħaġa tajba", meta mqabbla mal-54% tal-Ewropej li għandhom 55 sena jew aktar. Madankollu, dan l-istħarriġ juri wkoll tnaqqis ta' 6 punti f'appoġġ miż-żgħażaġh meta mqabbel ma' Ġunju 2019. Għadu kmieni wisq biex wieħed jgħid jekk dan l-iżvilupp huwiex l-ewwel sinjal ta' distakk min-naħa taż-żgħażaġh. Madankollu, it-tnaqqis fl-appoġġ għall-UE fost iż-żgħażaġh huwa ċertament evidenza li l-appoġġ tagħhom, inkluż il-parteċipazzjoni elettorali u b'mod speċifiku l-interess ġenerali, mhux awtomatiku.

## SENSAZZJONI AKTAR QAWWIJA TA' SODISFAZZJON BID-DEMOKRAZIJA TAL-UE

**F**ilwaqt li s-sentiment favorevoli lejn is-sħubija fl-UE jibqa' stabbli, is-sentiment ġenerali ta' ottimiżmu dwar il-futur tal-Unjoni għadu xejra li qed tikber bil-mod iżda b'mod konsistenti.

Tnejn u tletin fil-mija taċ-ċittadini jemmnu li l-UE tinsab fit-triq it-tajba. Din hija żieda ta' 5 punti perċentwali meta mqabbla mar-rebbiegħa tal-2019 u kontinwazzjoni tax-xejra pożittiva osservata sa minn Novembru 2011. Is-sehem ta' ċittadini li jħossu li l-affarijiet se jrin fid-direzzjoni l-ħażina fl-UE qed jonqos ukoll b'5 punti, b'maġġoranza relattiva ta' 46% ta' dawk li wiegħbu jħaddnu din il-fehma.

Fl-istess ħin, l-elezzjonijiet Ewropej reċenti u l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini f'dawn tal-aħħar taw kontribut pożittiv għal sentiment dejjem akbar ta' sodisfazzjon għall-mod kif taħdem id-demokrazija fl-Unjoni Ewropea.

Sinjali li jindikaw li ċ-ċittadini jafdaw u japprezzaw il-proċess demokratiku Ewropew kienu diġà heġġin minn stħarriġ preċedenti tal-Ewrobarometru u huma kkonfermati, b'mod partikolari, mir-riżultati attwali tal-Parlometru dwar diversi karatteristiċi tad-demokrazija Ewropea.

Tnejn u ħamsin fil-mija tal-Ewropej huma sodisfatti bil-mod kif taħdem id-demokrazija fl-Unjoni Ewropea u 56% jaqsmu din l-opinjoni dwar pajjiżhom stess. Matul l-aħħar tnax-il xahar, dan is-sentiment tjiieb fir-rigward tal-proċess demokratiku tal-UE, filwaqt li bidliet simili huma inqas sinifikanti fuq il-funzjonament tad-demokrazija fil-livell nazzjonali.

Is-sehem nazzjonali taċ-ċittadini sodisfatti bil-mod kif id-demokrazija tal-UE taħdem bejn wieħed u ieħor jirdoppja fit-28 Stat Membru. L-Irlanda (77%), id-Danimarka (77%) u l-Polonja (73%) jirreġistraw l-ogħla livelli ta' sodisfazzjon, filwaqt li Spanja u r-Renju Unit (it-tnejn 45%), l-Italja (44%) u l-Greċja (34%) huma l-pajjiżi fejn in-nies huma l-inqas sodisfatti bil-proċess demokratiku tal-UE.

Meta wieħed iħares lejn is-sistemi nazzjonali, is-sehem ta' tweġibiet "sodisfatti" kważi ttriplaw, mir-Rumanija (34%), il-Kroazja (33%) u l-Greċja (32%) għad-Danimarka (93%), il-Lussemburgu (84%) u n-Netherlands (83%) li għandhom l-ogħla perċentwali ta' apprezzament miċ-ċittadini għall-proċessi demokratiċi nazzjonali.



F'14-il pajjiż, il-livell ġenerali ta' sodisfazzjon bid-demokrazija Ewropea huwa akbar minn dak espress għal dik nazzjonali. Dawn id-differenzi huma partikolarment impressjonanti għar-Rumanija, il-Kroazja, il-Litwanja, il-Bulgarija, il-Latvja u l-Polonja. Fir-rigward tal-bidliet nazzjonali, l-Ungerija, il-Polonja, iċ-Ċekja u Spanja juru l-ogħla żidiet fl-appoġġ għad-demokrazija tal-UE mir-rebbiegħa tal-2019 (+ 13 pp, + 11 pp, + 10 pp u + 9 pp rispettivament). Dawn iż-żidiet għandhom jitqiegħdu f'kuntest, billi jitqiesu l-iżviluppi politiċi speċifiċi bħal, pereżempju, il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar il-konformità mal-istat tad-dritt fl-Ungerija u l-Polonja, jew il-klima politika inċerta fi Spanja.

## ŻIEDA FL-INTERESS FL-AFFARIJET EWROPEJ

**F**attur ieħor li jgħin biex nevalwaw aħjar l-evoluzzjoni tal-opinjoni pubblika dwar l-Unjoni Ewropea hija l-attenzjoni dejjem tikber għal affarijiet Ewropej, sew miċ-ċittadini u sew mill-midja matul l-aħħar sena.

Meta ntalbu jesprimu jekk l-interess personali tagħhom fl-affarijiet Ewropej inbidilx matul l-aħħar tnax-il xahar, maġġoranza kbira ta' dawk li wiegħbu qalu li baqa' l-istess (62%). Madankollu, 22% tal-Ewropej jgħidu li żdiedet, filwaqt li 15% biss iddikjaraw l-oppożizzjoni.

Nazzjonalment l-interess li jżidied fi kwistjonijiet Ewropej huwa sinifikanti ħafna fl-Irlanda (45%) u fir-Renju Unit (43%); parzjalment jirrifletti d-diskors pubbliku nazzjonali ddominat mid-dibattitu dwar il-Brexit. Fit-tarf l-ieħor tal-iskala, l-Italja u r-Rumanija jispikkaw b'27% u 22% taċ-ċittadini jiddikjaraw rispettivament li l-interess tagħhom fi kwistjonijiet Ewropej naqas fl-aħħar sena.

Hemm korrelazzjoni ċara bejn l-interess pubbliku restawrat fi kwistjonijiet relatati mal-UE u diskussjoni akbar ta' dawn il-kwistjonijiet fil-midja. B'mod ġenerali, kważi wieħed minn kull żewġ Ewropej ma nnota l-ebda tibdil fir-rappurtaġġ tal-midja, iżda 36% tal-Ewropej huma tal-fehma li l-ammont ta' rappurtaġġ relatat mal-UE żdied, filwaqt li 11% jemmnu li naqas.

## IL-FEHMIET TAĊ-ĊITTADINI DWAR IL-PARLAMENT EWROPEW QED JINBIDLU

**F**uq sfond ta' fiduċja dejjem tiżdied fid-demokrazija Ewropea u l-interess dejjem jikber fi kwistjonijiet relatati mal-UE, il-Parlament Ewropew jidher li qed jibbenefika mill-irkupru tal-fiduċja.

Għalkemm l-immaġni tal-Parlament Ewropew fost iċ-ċittadini tibqa' fil-biċċa l-kbira newtrali (46%, + 3 pp minn Settembru 2018), it-tendenza turi distakk dejjem jikber bejn l-Ewropej b'immaġni pożittiva tal-Parlament Ewropew (33%, + 1 pp) u dawk li għandhom opinjoni negattiva (19%, - 2 pp).

L-Irlanda hija l-pajjiż bl-ogħla numru ta' dawk li wiegħbu b'immaġini pożittiva (52%), segwita mid-Danimarka (49%), il-Portugall (49%) u l-Iżvezja (48%). Iċ-Ċekja, Franza u Spanja jinsabu fuq in-naħa l-oħra tal-iskala b'punteġġ "pożittiv" ta' 20%, 24% u 25% rispettivament.

Iċ-ċittadini li għandhom opinjoni "newtrali" tal-Parlament Ewropew huma aktar ta' spiss nisa, żgħażaġħ u studenti, kif ukoll persuni bi dħul aktar baxx. Fl-istess ħin, il-manigiers, kif ukoll dawk li jħossu li l-vuċi tagħhom tgħodd fl-UE, għandhom l-aktar immaġini pożittiva tal-istituzzjoni.

Konklużjoni importanti tista' toħroġ minn din is-sejba: is-sentiment li l- "vuċi tiegħi tgħodd" huwa fattur deċiżiv fit-tiswir tal-opinjoni pubblika dwar il-Parlament Ewropew bħala istituzzjoni demokratika u eletta direttament, li tinfluwenza bidla minn fehmiets negattivi għal dawk pożittivi.

Dan jiftaħ ukoll fuq modi ġodda ta' kif wiegħed iħares lejn l-involvement taċ-ċittadin mal-Parlament Ewropew. Jidher li dan jista' jiddependi mill-opinjoni li jkollhom tal-istituzzjoni flimkien mal-perċezzjoni li l-affarijiet jistgħu jinbidlu bil-vot, u saħansitra prinċipalment fuq din il-perċezzjoni; li d-demokrazija Ewropea tista' twieġeb b'mod adegwat għall-aspettattivi personali tagħhom.

## L-AQWA SEJĦA LI QATT TKEJLET GĦAL PARLAMENT EWROPEW AKTAR INFLUWENTI


**J**ekk iċ-ċittadini għandjom il-fiduċja li jistgħu jibdlu l-affarijiet billi jivvotaw u, barra minn hekk, jemmnu li l-vuċi tagħhom tgħodd fl-UE, wiegħed jista' jistenna li attitudnijiet bħal dawn jiġu riflessi wkoll fis-sejħa għal Parlament Ewropew aktar influwenti. Tabilħaqq, matul l-aħħar erba' snin, dawk li wiegħbu għal stħarrijiet konsekuttivi tal-Ewrobarometru komplew iseddqu x-xewqa tagħhom għal Parlament aktar importanti.

L-istħarrij preżenti tal-Ewrobarometru jirritorna l-iktar sejħa qawwija għal-Parlament Ewropew aktar influwenti mindu din il-mistoqsija saret l-ewwel darba fl-2007. Tmienja u ħamsin fil-mija tal-Ewropej, żieda ta' 7 punti perċentwali mir-rebbiegħa tal-2019 u 14-il punt minn Settembru 2015, iridu rwol aktar importanti għall-Parlament Ewropew. F'25 Stat Membru, maġġoranza relattiva taċ-ċittadini jixtiequ istituzzjoni aktar influwenti. Il-varjanza tvarja minn 89% f'Ċipru għal 39% fid-Danimarka.

L-għarfien dwar l-attivitajiet tal-Parlament jista' jkun fattur determinanti f'dan l-appoġġ għal aktar influwenza. Fil-pajjiżi kollha — bl-eċċezzjoni ta' Ċipru, Spanja, il-Lussemburgu u r-Rumanija biss — il-proporzjon ta' ċittadini li jitolbu rwol aktar importanti huwa sinifikattivament ogħla fost dawk b'għarfien ta' livell għoli tal-attivitajiet leġislattivi tal-Parlament.

Il-livell ta' sodisfazzjon bil-mod kif taħdem id-demokrazija fl-Unjoni Ewropea għandu impatt simili: aktar ma dawk li wiegħbu jesprimu sodisfazzjon bis-sistema demokratika fl-UE, aktar jixtiequ jaraw li l-Parlament Ewropew ikollu aktar influwenza.

**Q** Would you **Inti personalment, tixtieq tara lill-Parlament Ewropew ikollu rwol aktar importanti jew inqas importanti?** (% - UE)



Sors: Parlometru 2019 (92.2), QB4

## PERĊEZZJONI AKTAR DGĦAJFA TA' "IL-VUĊI TIEGĦI TGĦODD FL-UE": AĠĠUSTAMENT MISTENNI JEW SEJĦA GĦALL-AZZJONI?

**I**s-sejĦa għal rwol aktar b'saħħtu għall-Parlament Ewropew flimkien mas-sodisfazzjon dejjem jikber bil-mod kif taħdem id-demokrazija Ewropea huma raġunijiet biex wieħed jassumi li l-Parlament Ewropew huwa dejjem aktar fdat miċ-ċittadini tiegħu. Madankollu, l-istħarriġ preżenti juri li s-sentiment li l-vuċi taċ-ċittadini tgħodd fl-UE qed terġa' lura għal-livelli ta' qabel l-elezzjoni.

Is-sehem ta' dawk li wiegħbu li jemmnu li l-vuċi tagħhom tgħodd fl-UE jirreġistra 49%, l-istess livell fi Frar-Marzu 2019. Ir-riżultat irreġistrat fl-istħarriġ tal-Ewrobarometru post-elettorali<sup>2</sup> kien ta' 56%.


Is-sejbiet juri li l-perċezzjoni li "il-vuċi tiegħi tgħodd" hija marbuta sew mal-momentum tal-elezzjonijiet. L-appoġġ għall-proġett Ewropew waħdu mhuwiex biżżejjed biex wieħed iħoss li "l-vuċi tiegħi tgħodd". Għalkemm f'għadd tajjeb ta' pajjiżi tal-UE l-appoġġ għas-sħubija fl-UE jmur flimkien ma' sentiment relativament qawwi li "l-vuċi tiegħi tgħodd fl-UE", f'xi oħrajn, ir-rabta hija inqas ovvja. Bħala eżempju, is-sentiment ġenerali li "l-vuċi tiegħi tgħodd fl-UE" huwa pjuttost qawwi fl-Awstrija, fil-Kroazja u fis-Slovakkja, filwaqt li l-livell ta' fehma favur is-sħubija fl-UE fl-istess pajjiżi jibqa' relativament baxx.

2 L-elezzjonijiet Ewropej ħadu dimensjoni ġdida? Stħarriġ tal-Ewrobarometru 91.5, Settembru 2019 (PE640.156), <https://www.europarl.europa.eu/at-your-service/en/be-heard/eurobarometer/2019-european-elections-entered-a-new-dimension>

## IL-PRIJORITAJIET LI GĦANDHOM JIĠU DIFIŻI

**K**if intwera mir-riżultati tal-votazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej, l-aspettattivi taċ-ċittadini dwar suġġetti ta' prijorità għall-Parlament Ewropew huma b'saħħithom.

**Q** Il-PE jagħmel deċizzjonijiet dwar leġislazzjoni Ewropea li taffettwa direttament il-ħajja ta' kull ċittadin. Fil-fehma tiegħek liema minn dawn li ġejjin għandu jingħata prijorità mill-Parlament Ewropew? L-ewwel? Imbagħad? (Mhux aktar minn 3 tweġibiet) (% - UE)
































Sors: Parlometru 2019 (92.2), QB5T



F'Ottubru 2019, 32% ta' dawk li wieġbu jgħidu li l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni tal-ambjent, l-oċeani u l-bijodiversità għandha tkun fuq nett tal-lista ta' prijoritajiet għall-Parlament Ewropew. L-indirizzar tal-esklużjoni soċjali u l-faqar jiġi fit-tieni post b'31%, segwit – xi distanza wara – mill-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata (24%) kif ukoll għall-ġliedakontra l-qgħad fost iż-żgħażaġħ u l-ħidma għal impjeg sħiħ fil-pajjiżi kollha tal-UE (24%). L-investiment fl-edukazzjoni għolja u l-istabbiliment tal-kundizzjonijiet xierqa għat-tkabbir ekonomiku jikkostitwixxu l-parti li jmiss ta' kwistjonijiet importanti għal 22% u 18% ta' dawk li wieġbu rispettivament.

L-indirizzar tal-esklużjoni soċjali u l-faqar huwa l-ewwel tħassib fi tna-x il pajjiż, fuq l-istess livell ta' suġġetti oħra f'sitta minnhom. Fi tħax-il pajjiż, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent tiġi l-ewwel (prijorità ewlenija maqsuma f'żewġ Stati Membri). Il-qgħad fost iż-żgħażaġh jibqa' tħassib ewlieni f'ħames pajjiżi filwaqt li l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija t-tħassib ewlieni fi tliet pajjiżi. Il-protezzjoni tal-fruntieri esterni hija l-ewwel prijorità fi-Estonja biss, u l-ewwel post jinqasam bejn il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-faqar. It-titjib tad-drittijiet tal-konsumatur kif ukoll il-kwalità u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa għaċ-ċittadini kollha huma fuq quddiem nett tal-lista fil-Portugall u r-Rumanija, it-tnejn fuq livell indaqs ma' temi oħra. Fl-aħħar nett, Malta hija l-uniku pajjiż li jsemmi t-tisħiħ ta' politika komuni ta' migrazzjoni u integrazzjoni bħala l-preokkupazzjoni ewlenija taċ-ċittadini tiegħu. Bħal dejjem, il-prijoritajiet taċ-ċittadini jirriflettu bil-qawwa l-kuntesti nazzjonali rispettivi u s-soċjodemografija. Huma jstgħu, u jkun, differenti ħafna kemm f'termini ta' livelli ta' appoġġ kif ukoll fl-iskala ta' importanza minn pajjiż għall-ieħor u anki fl-istess pajjiż bejn sottogruppi soċjodemografiċi differenti. Meta wieħed iħares lejn il-kwistjoni tat-tibdil fil-klima, il-mappa hawn taħt turi l-firxa bejn il-pajjiżi fuq dan is-suġġett li tvarja minn 62% ta' appoġġ fl-Isvezja għal 14% biss fil-Bulgarija.

**Q Il-PE jagħmel deċiżjonijiet dwar leġiżlazzjoni Ewropea li taffettwa direttament il-ħajja ta' kull ċittadin. Fil-fehma tiegħek liema minn dawn li ġejjin għandu jingħata prijorità mill-Parlament Ewropew? L-ewwel? Imbagħad? (Mhux aktar minn 3 tweġibiet)**

(% - Il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-preservazzjoni tal-ambjent, l-oċeani u l-bijodiversità tagħna)

SE		62
DK		50
NL		46
FI		42
DE		40
MT		39
FR		39
AT		38
BE		38
ES		36
LU		36
IE		33
UE28		32
HU		30
UK		27
PL		27
PT		26
SK		25
IT		25
SI		24
CY		24
CZ		23
HR		23
LT		21
EE		21
EL		17
RO		17
LV		15
BG		14



Sors: Parlometru 2019 (92.2), QB5T

## IL-VALURI LI GĦANDHOM JINŻAMMU

**O**pinjoni aktar uniformi fost il-pajjiżi u xejra aktar stabbli tinstab meta wieħed iħares lejn il-valuri li l-Parlament Ewropew għandu jiddefendi bħala kwistjoni ta' prijorità.

Il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem mad-dinja kollha tibqa' bil-bosta l-aktar valur importanti f'moħħ iċ-ċittadini, skont 48% (+ 2 pp meta mqabbel ma' Settembru tal-2018) tat-tweġibiet. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri, minkejja tnaqqis żgħir, tinsab fit-tieni post (38%, =), flimkien mal-libertà tal-espressjoni (38%). Wieħed minn kull tliet Ewropej isemmi wkoll is-solidarjetà bejn l-Istati Membri tal-UE (33%, + 3 pp), filwaqt li s-solidarjetà internazzjonali bejn l-UE u l-pajjiżi l-fqar fid-dinja u d-djalogu interkulturali jew interreliġjuż huma meqjusa bħala valuri ewlenin minn aktar minn wieħed minn kull ħamsa tal-popolazzjoni (23% + 1 pp, u 22%, -1 pp rispettivament). Fl-aħħar nett, 18% (-2 pp) tal-Ewropej isemmu wkoll il-protezzjoni tal-minoranzi u 10% ta' dawk li wiegħbu jħarsu lejn l-abolizzjoni tal-piena tal-mewt fid-dinja bħala valur urġenti li wieħed għandu jiġġieled għalih.

## IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-AZZJONI KLIMATIKA

**I**t-tibdil fil-klima u kwistjonijiet oħra relatati mal-ambjent qed isiru dejjem aktar parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Minn diżastri naturali u rekords tat-temperatura, għall-moviment immexxi miż-żgħażaġh #FridaysForFuture li jniżżel miljuni ta' nies fit-toroq, biex ma nsemmux dibattiti politiċi li jiffukaw fuq dawn il-kwistjonijiet, l-Ewropej qed juru t-ħassib tagħhom u qed jitolbu miżuri konkreti.

Id-data tal-Ewrobarometru tal-Parlament stess tirrifletti dan is-sens ta' urġenza li qed jikber b'mod esponenzjali f'għadd ta' s'ħarriġiet matul dan il-perjodu: F'April 2018<sup>3</sup>, 35% biss ta' dawk li wiegħbu għażlu t-tibdil fil-klima bħala s-suġġett ta' prijorità tagħhom għall-kampanja elettoral tal-Ewropea, jhekk li kklassifikawh fil-ħames post. Fi Frar-Marzu 2019<sup>4</sup>, it-tibdil fil-klima kien diġà ssemma bħala l-prijorità ewlenija tagħhom minn 55% ta' dawk li wiegħbu li qalu li x'aktarx jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej. Fl-istħarriġ tal-Ewrobarometru postelettoral tal-Parlament<sup>5</sup>, irriżulta li "l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-ambjent" kienet it-tieni l-aktar raġuni importanti li ġiegħlet lill-Ewropej jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej ta' Mejju 2019. Sebgħa u tletin fil-mija tal-votanti bħala medja fl-UE għażlu din il-kwistjoni bħala r-raġuni għall-votazzjoni tagħhom, wara l-ekonomija u t-ktabir (44%). Għaż-żgħażaġh u l-istudenti t-tibdil fil-klima kien l-ixprun ewleni biex wieħed imur jivvota.

<sup>3</sup> *Id-Demokrazija titqanqal - Sena qabel l-Elezzjonijiet Ewropej*, Stħarriġ tal-Ewrobarometru 89.2, Mejju 2018 (PE621.886), <https://www.europarl.europa.eu/at-your-service/en/be-heard/eurobarometer/eurobarometer-2018-democracy-on-the-move>

<sup>4</sup> *Eqreb taċ-ċittadini, eqreb tal-votazzjoni*, Stħarriġ tal-Ewrobarometru 91.1, April 2019 (PE637.932) <https://www.europarl.europa.eu/at-your-service/files/be-heard/eurobarometer/2019/closer-to-the-citizens-closer-to-the-ballot/report/en-eurobarometer-2019.pdf>

<sup>5</sup> *L-elezzjonijiet Ewropej ħadu dimensjoni ġdida?* Stħarriġ tal-Ewrobarometru 91.5, Settembru 2019 (PE640.156), <https://www.europarl.europa.eu/at-your-service/en/be-heard/eurobarometer/2019-european-elections-entered-a-new-dimension>

## IT-TIBDIL FIL-KLIMA HIJA KWISTJONI AMBJENTALI EWLENIJA GĦAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ

L-istħarriġ attwali qed ikompli jesplora l-attitudnijiet u t-tħassib taċ-ċittadini rigward it-tibdil fil-klima. Aktar minn nofs ta' dawk li wiegħbu jqisu t-tibdil fil-klima (52%) bħala l-aktar kwistjoni ambjentali importanti. B'ħarsa lejn kwistjonijiet aktar speċifiċi, l-Ewropej ipogħu t-tniġġis tal-arja (35%), it-tniġġis tal-baħar (31%), id-deforestazzjoni u l-ammont dejjem jikber ta' skart (it-tnejn 28%) fil-quċċata tal-preokkupazzjonijiet relatati mal-ambjent. Fil-parti t'isfel ta' din il-lista, wieħed jista' jsib il-ħsara ambjentali kkawżata mit-turiżmu u mit-tniġġis akustiku, it-tnejn imsemmija minn inqas minn wieħed minn kull għaxar persuni li wiegħbu.


Għalkemm it-tibdil fil-klima jiġi fil-quċċata tal-medja tal-UE, ħarsa aktar fil-fond lejn il-livell nazzjonali turi li, f'xi pajjiżi, dawk li wiegħbu għandhom tħassib akbar dwar kwistjonijiet ambjentali oħra. Dawk li jpoġġu t-tibdil fil-klima fil-quċċata tal-preokkupazzjonijiet ambjentali tagħhom huma aktar probabbli li jkunu żgħażaġh

**Q** Mil-lista li ġejja, jekk jogħġbok għażel il-kwistjoni dwar l-ambjent li tqis li hija l-aktar importanti. L-ewwel? Imbagħad? (Mhux aktar minn 4 tweġibiet)  
(% - L-aktar riposta komuni għal kull pajjiż)

MT		69
BG		52
PL		49
ES		67
UK		62
SE		62
DK		60
NL		60
CY		59
IE		59
EL		59
FI		55
DE		54
UE28		52
BE		52
PT		52
AT		49
FR		48
IT		46
LU		45
HU		45
HR		38
LT		63
EE		54
RO		54
LV		48
SI		42
SK		40
CZ		39

**Legend tal-mappa**

	It-tniġġis tal-arja
	It-tibdil fil-klima
	Id-deforestazzjoni
	L-ammont li qed jiżdied ta' skart



Sors: Parlometru 2019 (92.2), QB10T



(60% għandhom bejn il-15 u l-24 sena, imqabbla mat-48% ta' dawk b'età ta' 55 +), studenti (62%), b'livell għoli ta' edukazzjoni (57% meta mqabbla mas-47% ta' dawk b'livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi) jew maniġers (58%). Aktarx ukoll li jkollhom opinjonijiet pożittivi dwar il-Parlament Ewropew u r-rwol tiegħu: 58% ta' dawk li għandhom immaġni pożittiva tal-PE jsemmu t-tibdil fil-klima bħala l-prijorità ewlenija tagħhom — meta mqabbla mal-44% ta' dawk li għandhom immaġni negattiva tal-PE.

It-tniġġis tal-arja huwa l-aktar kwistjoni ambjentali importanti għal aktar minn żewġ terzi ta' ċittadini f'Malta (69%), u madwar nofs fil-Bulgarija (52%) u fil-Polonja (49%), filwaqt li d-deforestazzjoni hija l-aktar kwistjoni importanti fil-Litwanja (63%), l-Estonja u r-Rumanija (it-tnejn 54%). Dawk li wiegħbu jgħidu li d-deforestazzjoni hija kwistjoni importanti x'aktarx huma żgħażaġħ (35% fl-età bejn il-15 u 24 sena meta mqabbla ma' 27% fl-età ta' 55 +), li għadhom jistudjaw (34%) u utenti frekwenti tal-internet (29%).

L-aħħar punt ikkunsidrat bħala l-aktar kwistjoni importanti minn xi Ewropej huwa l-ammont dejjem jikber ta' skart. Huwa l-ewwel għal dawk li wiegħbu fil-Latvja (48%), fis-Slovenja (42%), fis-Slovakkja (40%) u fiċ-Ċekja (39%). L-ebda profil ċar ma joħroġ mill-analiżi soċjodemografika ta' dawn il-persuni li wiegħbu, iżda jidher li aktarx ikunu akbar fl-età, għall-kuntrarju tal-punti preċedenti (30% għandhom 40 sena jew aktar meta mqabbla mas-26% ta' dawk li għandhom bejn il-15 u l-24 sena).

## IL-PROTESTI KLIMATIĊI MMEXXIJA MIŻ-ŻGĦAŻAĠĦ U L-EŻITI TA' POLITIKA MISTENNIJA MINNHOM

**I-moviment #FridaysForFuture kif ukoll attivitajiet oħra ta' protesta simili mmobilizzaw miljuni ta' nies madwar l-UE u globalment matul l-aħħar sena, li rriżulta f'rappurtaġġ intensiv tal-midja**

L-istħarriġ staqsa lil dawk li wiegħbu jekk dawn il-protesti mmexxija miż-żgħażaġħ fil-fatt ikkontribwewx għal aktar miżuri politiċi li qed jittieħdu biex tiġi miġġielda l-bidla fil-klima – kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f'dak nazzjonali. It-tweġibiet għaż-żewġ mistoqsijiet huma sinifikanti: kważi sitta minn kull għaxar Ewropej huma kunfidenti jew saħansitra konvinti, li l-protesti dwar il-klima mmexxija miż-żgħażaġħ għandhom impatt dirett fiż-żewġ każijiet.


Maġġoranza assoluta ta' dawk li wiegħbu f'25 Stat Membru jaħsbu li dawn il-protesti dwar it-tibdil fil-klima mmexxija miż-żgħażaġħ jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' aktar miżuri għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima politika fl-UE. L-aktar konvinti minn din l-influenza huma l-Irlandiżi, bi kważi tliet kwarti tal-parteċipanti (74%), l-Iżvediżi (71%) u ċ-Ċiprijotti (70%). Fil-fatt, fl-Irlanda u f'Ċipru ftit aktar minn tlieta minn kull għaxra minn dawk li wiegħbu jemmnu li dawn l-azzjonijiet "definitivament" se jkollhom eżitu politiku pożittiv fl-UE (31% u 35%, rispettivament). Fl-Estonja, hemm differenza inqas ovsja bejn dawk li jaħsbu li dawn il-protesti jistgħu jwasslu għal aktar miżuri politiċi kontra t-tibdil fil-klima fl-UE (49%) u dawk li ma



jaħsbux hekk (45%) – dan huwa wkoll il-każ fir-Renju Unit (47% kontra 42%). Iċ-Ċekja hija l-uniku pajjiż fejn dawk li wiegħbu l-aktar li jemmnu li azzjonijiet bħal protesti mmexxija miż-żgħażaġħ ma jikkontribwixxux għal aktar miżuri politiċi li qed tieħu l-UE kontra t-tibdil fil-klima (52% kontra 42% li jaħsbu li jistgħu).

Id-differenza bejn l-Istati Membri hija akbar meta wieħed iħares lejn dawk li wiegħbu li jemmnu li l-protesti mmexxija miż-żgħażaġħ jinfluwenzaw il-miżuri politiċi kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżhom stess. Fi 19-il pajjiż Ewropew, il-maġġoranza assoluta ta' dawk li wiegħbu jemmnu hekk, fi tliet pajjiżi oħra (il-Litwanja, Malta u r-Renju Unit) il-maġġoranza relattiva ta' dawk li wiegħbu jaqsmu dan it-twemmin. F'diversi pajjiżi, kollha kemm huma mill-Ewropa Ċentrali jew tal-Lvant, aktar minn dawk li wiegħbu jemmnu li l-politika nazzjonali tagħhom ma tkunx influwenzata minn protesti klimatiċi mmexxija miż-żgħażaġħ. Fis-Slovenja

**Q** Fix-xhur li għaddew, seħnew numru ta' protesti kontra t-tibdil fil-klima mmexxija miż-żgħażaġħ, li ta' spiss ingħataw l-attenzjoni fil-midja madwar l-UE. B'mod ġenerali, taħseb li dawn l-azzjonijiet jikkontribwixxu biex jittieħdu aktar miżuri politiċi fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ...? (% - Total "Iva")



Sors: Parlometru 2019 (92.2), QB11

52% ma jarawx tali influwenza, meta mqabbla mal-44% li jaraw, fil-Kroazja 55% huma kontra t-42% ta' dawk li wiegħbu u li jaraw tali impatt. Pajjiżi oħra b'maġġoranza xettika dwar l-impatt dirett ta' protesta mmexxija miż-żgħażaġħ dwar it-tfassil tal-politika nazzjonali jinkludu l-Latvja (54% kontra 41%), l-Estonja (54% kontra 40%), il-Bulgarija (44% kontra 38%) u ċ-Ċekja (58% kontra 37%).

L-analiżi soċjodemografika tiżvela li aktar ma dawk li wiegħbu jkunu żgħażaġħ, aktar ikun probabbli li jaħsbu li l-UE se tkun milquta minn tali protesti. Dawk li wiegħbu f'dan il-kamp huma wkoll aktar probabbli li jkunu edukati ħafna jew li għadhom jistudjaw, li jkunu maniġers u utenti frekwenti tal-internet. Karatteristika importanti oħra hija l-attitudni pożittiva tagħhom lejn l-UE u l-Parlament Ewropew.

## ENGAGE!

**L**-elezzjonijiet Ewropej tal-2019 saħnew b'mod sinifikanti l-importanza – u l-ħtieġa – ta' interazzjoni u impenn kostanti maċ-ċittadini Ewropej. Il-votanti saru iktar edukati u informati – u huma lesti li jimpenjaw ruħhom politikament aktar minn qatt qabel. Il-votanti fl-2019 huma aktar kunfidenti, kompetenti u impenjati. Flimkien maż-żieda fil-livelli ta' setgħa u involviment, l-aspettattivi rigward il-konsegwenzi pożittivi tal-votazzjoni żdiedu – li saħħaħ il-ħtieġa għal aktar involviment u dibattitu mill-Parlament Ewropew.

Il-poter demokratiku u l-influwenza tal-Parlament Ewropew huma sostnuti mill-mandat mogħti mill-votanti mill-Istati Membri kollha tal-UE. Jiddependi fuq il-parteċipazzjoni regolari, kontinwa u attiva tagħhom fil-ħidma tiegħu f'isimhom. Madankollu, din il-parteċipazzjoni tiddependi ħafna fuq l-għarfien: aktar ma ċ-ċittadini jifhmu x'inhu l-Parlament Ewropew, x'jagħmel u x'jirrappreżenta, aktar ikun probabbli li jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej, u b'hekk isaħħu l-leġittimità demokratika tal-Parlament Ewropew.

L-istħarriġ tal-Parlometru 2019 lil dawk li wiegħbu saqsiehom sensiela ta' mistoqsijiet li jkejlu l-livell ta' għarfien attwali tagħhom dwar il-ħidma tal-Parlament Ewropew, kif ukoll l-interess tagħhom li jirċievu aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-istituzzjonijiet tagħha, b'mod speċifiku l-Parlament Ewropew u l-Membri tiegħu.

## GĦARFIEN DWAR IL-ĦIDMA TAL-PARLAMENT

**6** 1% ta' dawk li wiegħbu fil-medja tal-UE qalu li għandhom livell medju jew għoli ta' għarfien dwar il-ħidma tal-PE. Meta ntalbu jpoġġu lilhom infushom fuq skala ta' bejn wieħed u għaxra (b'"10" tfisser li "taf ħafna") dwar kemm jaħsbu li jafu dwar ix-xogħol tal-Parlament Ewropew, 55% jistqarru li għandhom livell medju ta' għarfien (medda ta' skala 4–7). 6% biss, ta' sehem marġinali taċ-ċittadini, li jiddikjaraw li għandhom "livell għoli ta' għarfien" (firxa ta' skala 8–10), filwaqt li 39% ta' dawk li wiegħbu qalu li għandhom "livell baxx ta' għarfien" (medda ta' skala 1–3). Il-livell medju ta' għarfien tal-UE dwar il-ħidma tal-Parlament Ewropew huwa għalhekk 4.2 fuq skala minn 1 sa 10.

Fl-Awstrija (5.0), fir-Rumanija (4.8) u fil-Polonja (4.7), il-livell suġġettiv medju ta' għarfien dwar il-PE huwa l-ogħla. B'mod ġenerali, hemm diskrepanzi relattivament żgħar bejn l-Istati Membri, b'firxa li tvarja minn 5.0 fl-Awstrija għal għarfien soġġettiv medju ta' 3.4 fi Franza. Franza hija wkoll l-uniku pajjiż b'maġġoranza assoluta ta' dawk li wiegħbu (54%) li ddikjaraw li għandhom livell baxx ta' għarfien dwar il-ħidma tal-Parla-

ment Ewropew, segwiti mir-Renju Unit u s-Slovenja (it-tnejn 47% b'livell baxx ta' għarfien) u l-Estonja (46%). B'mod ġenerali, fis-27 Stat Membru ċ-ċittadini ddikjaraw li għandhom għarfien ta' livell medju jew għoli, filwaqt li fi tnax-il Stat Membru tal-UE aktar minn erbgħa minn kull għaxra minn dawk li wiegħbu ddikjaraw li għandhom biss livell baxx ta' għarfien.

## INTERESS ĊAR F'AKTAR INFORMAZZJONI

**A**ktar minn tliet kwarti taċ-ċittadini tal-UE (77%) jixtiequ jirċievu aktar informazzjoni dwar mill-inqas wieħed minn seba' aspetti proposti tal-perjodu leġiżlattiv il-ġdid u l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala medja madwar l-UE, l-interess huwa l-ogħla fuq il-konsegwenzi konkreti tal-leġiżlazzjoni Ewropea fuq il-pajjiż ta' min wiegħeb. 31% ta' dawk li wiegħbu għamlu din l-għażla, segwiti mill-qrib b'informazzjoni dwar "dak li qed jagħmel il-Parlament Ewropew" (29%), "dak li l-UE għamlet jew bidlet b'mod konkret fil-belt, ir-reġjun jew il-pajjiż tiegħek" (28%) u "l-attivitajiet nazzjonali tal-Membri tal-Parlament Ewropew fil-Parlament Ewropew" (27%). B'varjazzjoni żgħira ħafna mill-kwistjonijiet imkejla, "l-interess fl-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea" jew "il-pożizzjonijiet tal-gvern nazzjonali dwar suġġetti attwali tal-UE" jikklassifikaw l-aħħar b'24% kull wieħed.

Fl-Awstrija (5.0), fir-Rumanija (4.8) u fil-Polonja (4.7), il-livell suġġettiv medju ta' għarfien dwar il-PE huwa l-ogħla. B'mod ġenerali, hemm diskrepanzi relattivament żgħar bejn l-Istati Membri, b'firxa li tvarja minn 5.0 fl-Awstrija għal għarfien soġġettiv medju ta' 3.4 fi Franza. Franza hija wkoll l-uniku pajjiż b'maġġoranza assoluta ta' dawk li wiegħbu (54%) li ddikjaraw li għandhom livell baxx ta' għarfien dwar il-ħidma tal-Parlament Ewropew, segwiti mir-Renju Unit u s-Slovenja (it-tnejn 47% b'livell baxx ta' għarfien) u l-Estonja (46%). B'mod ġenerali, fis-27 Stat Membru ċ-ċittadini ddikjaraw li għandhom għarfien ta' livell medju jew għoli, filwaqt li fi tnax-il Stat Membru tal-UE aktar minn erbgħa minn kull għaxra minn dawk li wiegħbu ddikjaraw li għandhom biss livell baxx ta' għarfien.

## INTERESS ĊAR F'AKTAR INFORMAZZJONI

**A**ktar minn tliet kwarti ta' ċittadini tal-UE (77%) jixtiequ jirċievu aktar informazzjoni dwar mill-inqas wieħed minn seba' aspetti proposti tal-perjodu leġiżlattiv il-ġdid u l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala medja madwar l-UE, l-interess huwa l-ogħla fuq il-konsegwenzi konkreti tal-leġiżlazzjoni Ewropea fuq il-pajjiż ta' min wieġeb. 31% ta' dawk li wiegħbu għamlu din l-għażla, segwiti mill-qrib b'informazzjoni dwar "dak li qed jagħmel il-Parlament Ewropew" (29%), "dak li l-UE għamlet jew bidlet b'mod konkret fil-belt, ir-reġjun jew il-pajjiż tiegħek" (28%) u "l-attivitajiet nazzjonali tal-Membri tal-Parlament Ewropew fil-Parlament Ewropew" (27%). B'varjazzjoni żgħira ħafna mill-kwistjonijiet imkejla, "l-interess fl-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea" jew "il-pożizzjonijiet tal-gvern nazzjonali dwar suġġetti attwali tal-UE" jikklassifikaw l-aħħar b'24% kull wieħed.

Stampa ferm aktar varjata tidher meta wieħed iħares lejn id-dispersjoni bejn il-pajjiżi dwar dawk li wiegħbu jridu jkunu jafu aktar dwarhom. Fi ħdax-il pajjiż, iċ-ċittadini jixtiequ jirċievu aktar informazzjoni dwar il-konsegwenzi konkreti tal-leġiżlazzjoni tal-UE fuq pajjiżhom. Ir-riżultati huma l-ogħla fil-pajjiżi tal-Ewropa tat-Tramuntana, b'62% fin-Netherlands u 60% fl-Iżvezja, segwiti mill-Finlandja (54%) u mid-Danimarka (50%).

Dawk li wiegħbu f'ħames pajjiżi, l-aktar dawk mill-Ewropa tax-Xlokk, huma interessati li jirċievu aktar informazzjoni dwar dak li l-UE għamlet jew bidlet b'mod konkret fil-belt tagħhom, ir-reġjun tagħhom jew pajjiżhom. F'ras dan is-segment hemm il-Greċja (47%), segwita mir-Rumanija (40%), il-Kroazja (37%), il-Bulgarija (36%) kif ukoll is-Slovakkja (29%).

Ċittadini minn Ċipru (44%), il-Litwanja (38%) u l-Polonja (28%) jixtiequ jkunu jafu aktar dwar dak li qed jagħmlu l-Membri tal-Parlament Ewropew tagħhom fil-Parlament Ewropew, filwaqt li dawk li wiegħbu minn sitt pajjiżi huma l-aktar interessati li jirċievu aktar informazzjoni dwar il-ħidma u l-attivitajiet tal-Parlament Ewropew iġenerali, inklużi Franza (36%) u l-Italja (35%).

Spanja u r-Renju Unit huma anomaliji. Fiż-żewġ pajjiżi, l-iktar twegħiba li ngħatat kienet li dawk li wiegħbu ma xtaqux jirċievu aktar informazzjoni (34%/ES u 31%/UK). Min-naħa l-oħra, dawk l-Irlandiżi li wiegħbu semmew ukoll interess fil-pożizzjoni tal-gvern tagħhom dwar suġġetti attwali tal-UE (33%).

L-interess li tirċievi aktar informazzjoni huwa espress kemm mill-votanti (83%) kif ukoll minn dawk li jastjenu (68%) bl-istess mod. 28% tal-votanti tal-2019 u 15% tal-votanti mhumiex interessati li jirċievu aktar informazzjoni.

## INVOLVIMENT MAL-MEMBRI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**T**lieta minn kull għaxar persuni minn dawk li wiegħbu jkunu mhegħga jkunu aktar impenjati fl-attivitajiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew ta' pajjiżhom jekk jirċievu aktar informazzjoni dwar ir-rwoli u l-attivitajiet tagħhom, jew jekk jarawhom aktar ta' spiss fil-midja (29%) Għal wieħed minn kull ħamsa minn dawk li wiegħbu, li jkollok tindirizza direttament lil Membru tal-Parlament Ewropew dwar kwistjoni speċifika u li tirċievi twegħiba konkreta tinkoraġġixxi aktar involviment. Sittax fil-mija ta' dawk li wiegħbu fil-medja tal-UE jixtiequ jiltaqgħu mal-Membru tal-Parlament Ewropew tagħhom f'avvenimenti fil-belt jew ir-reġjun tagħhom, waqt li 13% ta' dawk li wiegħbu jqisu li żjara lill-Parlament Ewropew fi Brussel jew Strasburgu bħala alternattiva attraenti Tal-aħħar f'din il-firxa hija l-għażla li ssir interazzjoni mal-Membri permezz tal-midja soċjali (12%).

Erbgħa u sebgħin fil-mija tal-votanti fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, isemmu mill-inqas mod wieħed ta' kif ninvolvu ruħhom aktar mal-Membri tal-Parlament Ewropew, b'24% biss minnhom mhumiex interessati f'aktar involviment. Barra minn hekk, aktar minn nofs iċ-ċittadini li ma vvutawx fl-aħħar elezzjonijiet Ewropej jagħtu mill-inqas mod wieħed ta' involviment (56%), bix-xewqa li jirċievu aktar informazzjoni dwar ir-rwol u l-attivitajiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew tagħhom li hija l-aktar għażla ta' involviment imsemmija.

## METODOLOĠIJA U PREŻENTAZZJONI TAD-DATA

Kantar mexxa l-Parlamentu 2019 bħala l-istħarriġ tal-Ewrobarometru 92.2 għall-Parlament Ewropew. Ix-xogħol fuq il-post sar mit-8 sat-22 ta'Ottubru 2019 fit-28 Stat Membru kollha. 27,607 persuna li wiegħbu, li ttieħdu bħala kampjun rappreżentattiv mill-popolazzjoni ġenerali ta' l fuq minn 15-il sena, ġew intervistati wiċċ imb wiċċ.

Tista' ssib ir-rapport sħiħ, inklużi l-iskedi informattivi nazzjonali, l-annessi tad-data u l-volumi tar-riżultati onlajn fuq <http://www.europarl.europa.eu/at-your-service/en/be-heard/eurobarometer/>

## KUNTATT

Unità tal-Monitoraġġ tal-Opinjoni Pubblika, DG Komunikazzjoni

Philipp M. Schulmeister, Kap tal-Unità

[DGCOMM-POM@europarl.europa.eu](mailto:DGCOMM-POM@europarl.europa.eu)



Dan is-sommarju eżekuttiv jenfasizza wħud mis-sejbiet ewlenin tal-Parlometru tal-2019, li sar bħala l-istħarriġ tal-Ewrobarometru 92.2 għall-Parlament Ewropew minn

# KANTAR

Ix-xogħol fuq il-post sar mit-8 sat-22 ta'Ottubru 2019 fit-28 Stat Membru kollha. 27,607 persuna li wiegħbu, li ttieħdu bħala kampjun rappreżentattiv mill-popolazzjoni ġenerali ta'l fuq minn 15-il sena, ġew intervistati wiċċ imb wiċċ.

L-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-Parlament tal-ħarifa tal-2019 jeżamina l-opinjoni taċ-ċittadini Ewropej dwar is-sħubija fl-UE, dwar l-attitudnijiet tagħhom lejn id-demokrazija Ewropea u r-rwol tal-Parlament Ewropew. Il-mistoqsijiet dwar il-politiki ta' prijorità għall-Parlament Ewropew fil-bidu tal-leġiżlatura l-ġdida, b'enfasi speċjali fuq it-tibdil fil-klima u l-kwistjonijiet ambjentali, jiffurmaw it-tieni parti tal-istħarriġ. Sett speċifiku ta' mistoqsijiet dwar l-aspettattivi taċ-ċittadini rigward aktar informazzjoni minn u l-involvement mal-Parlament Ewropew u l-Membri tiegħu jlesti l-Parlometru 2019.

**Pubblikazzjoni tal-  
Unità tal-Monitoraġġ tal-Opinjoni Pubblika  
Direttorat Ġenerali għall-Komunikazzjoni  
Parlament Ewropew**

PE 645.472

ISBN: 978-92-846-5994-4

DOI: 10.2861/042218

Catalogue Number: QA-03-19-852-MT-N